**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 136/2017PA**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Mary Vassallo, u l-istess Joseph Mary Vassallo**

**vs**

**1. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Naxxar**
**2. Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta**
**3. Water Services Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fis-17 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-atturi ppremettew li nhar l-20 ta' Jannar 2014 sehh incident fi Triq is-Salina, Naxxar, li b'konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 501 proprjeta' tal-attur Joseph Vassallo sofriet hsarat wara li saqet fuq sprall li kien maqlugh minn postu li kien hemm fit-tirq, liema incident sehh b'konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti jew min minnhom li jzommu l-imsemmija triq fi stat xieraq ta' manutenzjoni, u talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija u disgha u hamsin Ewro u tmintax-il centezmu (€959.18) rapprezentanti kwantu ghal hamsa u hamsin Ewro (€55) *excess payment* li hallas l-attur Vassallo u l-bilanc danni rizultanti mill-istess incident li s-socjeta' attrici hallset ghab-bazi ta' polza

ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*, bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 2015 u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas.

Ra r-Risposta[1] tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar li permezz taghha eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kuntradittur, u li minghajr pregudizzju, il-*causa petendi* tal-azzjoni mhix l-istess ghall-atturi kollha billi wahda tirrigwardja hlas ta' *excess* u l-ohra hlas ta' danni kawza ta' incident, u li f'kull kaz, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-Risposta[2] tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li biha eccepiet li preliminarjament, l-Awtorita' mhix il-legittima kuntradittrici billi t-triq ma taqax taht il-kompetenza taghha, u li minghajr pregudizzju, it-talba atttrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Minghajr pregudizzju wkoll, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta eccepiet li jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qed jigu kontestati.

Ra li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, debitament notifikata bl-Avvizi tat-Talba u tas-Smigh, ma pprezentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawza.

Ra li fl-udjenza tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-atturi pprezentaw Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li bih riedu jipprova bil-gurament tar-rapprezentant tal-konvenuta msemmija li hija debitrici taghha fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Ra li fl-udjenza sussegwententi, ma deher ebda rapprezentant tal-konvenuta Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma, biex jichad il-mistoqsija maghmula lilha in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawza.

Sema' x-xiehda tal-partijiet u xhieda ohra mressqa minnhom.

---

[1] Fol. 6 sa 8
[2] Fol. 9

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

L-attur **Joseph Mary Vassallo**[3] xehed li f'gurnata li ma jiftakarx id-data taghha, kien qed isuq il-vettura tieghu Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni LCQ 501 fi Triq is-Salina (ossia t-Telgha ta' Alla u Ommu), waqt li kien sejjer minn San Pawl il-Bahar fid-direzzjoni tan-Naxxar. Quddiem il-vettura li kien qed isuq kien hemm vettura ohra miexja, xi zewg u tlett metri 'l boghod. Fit-triq ra *manhole*, li ritratt taghha ezibieh bhala Dok. X1[4], pero' ma ndunax li kellha parti minnha mtellgha 'l fuq. Din il-parti kienet fuq in-naha li tidher fuq il-lemin fir-ritratt. Din il-parti mtellgha 'l fuq kienet mghollija fuq il-parti l-ohra tal-istess *manhole*. Bir-rota tal-vettura, l-attur qal li qabad il-ponta li kien hemm mghollija, il-*manhole* inqalbet u giet fuq il-vettura tieghu. Huwa qal ukoll li r-ritratt hadu l-ghada tal-incident. Xhin inqalbet ghal fuq il-vettura, din ghamlet girfa hoxna fil-bieba tax-xufier li l-attur wera bir-ritratt Dok. X2[5]. L-attur qal li ghamel rapport lill-Pulizija, li pero' ma rawx il-vettura, filwaqt li hallas €55 lill-kumpanija assikuratrici, li minghandha rcieva l-prezz tat-tiswijiet.

In kontroezami, l-attur qal li l-incident sehh ghall-habta tas-6am. Qal[6] li, dak iz-zmien, ix-xoghlijiet fuq il-Coast Road kienu ghadhom ma bdewx, u lanqas kien hemm tabelli li juru *diversions* minhabba fil-progett, jew xi xoghol iehor. Qal ukoll li, fil-hin tal-incident, kienet niezla hafna xita, u ghalhekk ma ssugrax johrog mill-karozza, filwaqt li ma hasibx li l-vettura tieghu garrbet daqstant hsara. L-attur qal li kien qed isuq bil-mod ghaliex quddiemu kien hemm vettura li ghaddiet qablu minn fuq l-isprall, filwaqt li hu pprova jevitah imma laqtu bix-xifer tat-*tyre*. Huwa insista li jahseb li l-incident gara

---

[3] Ara xiehda, 28.6.2017
[4] Fol. 60
[5] Fol. 61
[6] Ara kontro-ezami, 20.2.2018

ghaliex iz-zewg partijiet tal-gradilja tal-isprall ma kinux impoggijin hdejn xulxin, u wahda kienet aktar 'il fuq mill-ohra.

**WPC 180 Alexandra Borg**,[7] prodotta mill-atturi, ipprezentat kopja tar-rapport[8] li hija hadet fl-20 ta' Jannar 2014 minghand l-attur Vassallo dwar incident awtomobilistiku li sehh fi Triq is-Salina, Naxxar. Qalet li hi ma ratx il-karozza, u rregistrat biss dak li qallha Vassallo. Ftakret pero' li dwar din it-tappiera, dan ma kienx l-uniku rapport ta' hsara li kien dahal ghand il-pulizija. Qalet li minhabba f'hekk, hija stess kienet irrappurtat lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar fuq din il-hsara, pero' baqghu ma semmewhiex. Ziedet tghid li ma kinetx certa cemplux ukoll lil Transport Malta.

L-atturi ressqu wkoll affidavit ta' Malcolm Aquilina, *claims adjustor* mas-socjeta' attrici.

Huwa ddikjara li l-vettura LCQ 501 tal-attur kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive*. L-attur Vassallo fetah *claim* fl-20 ta' Jannar 2014 dwar incident li sehh fi Triq is-Salina, Naxxar, liema incident sehh meta sprall ma kienx imwahhal sew u tela' fuq il-bieba tal-vettura. Qal ukoll li s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha mal-hlas li ghamlitlu. Aquilina xehed li l-ispiza tax-xoghol giet tiswa €924.70 li s-socjeta' attrici hallset lill-assikurat taghha, li min-naha tieghu hallas €55 biex fetah il-*claim*.

Ix-xhud ipprezenta diversi dokumenti, senjatament Certificate of Insurance[9], Claim Form[10], kopja tal-polza[11], ricevuta tal-*excess money* li hallas l-attur[12], Survey Report[13] u Parts Order[14], ricevuta tal-ispejjez[15], u kopja legali ta' ittra ufficjali[16] li l-atturi intavolaw kontra l-konvenuti fit-23 ta' Gunju 2015, debitament notifikata lilhom.

---

[7] Ara xiehda, 28.6.2017
[8] Dok. AB1, fol. 62 sa 64
[9] Dok. MA1, fol. 23 sa 24
[10] Dok. MA2, fol. 25 sa 28
[11] Dok. MA3, fol. 29 sa 48
[12] Dok. MA4, fol. 49
[13] Dok. MA5, fol. 50 sa 53
[14] Dok. MA6, fol. 54

Il-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar ressaq b'xhud tieghu lil **Paul Gatt**[17], Segretarju Ezekuttiv tieghu. Gatt xehed lit-triq minn Ta' Alla u Ommu sa Triq il-Kosta hija Triq is-Salina u taqa' fir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Tul is-snin, il-Kunsill kellu diversi kwistjonijiet fuq din it-triq minhabba xoghlijiet li saru fiha minn Trasport Malta, u li dwarhom il-Kunsill kien ressaq diversi lmenti, fosthom minhabba fit-tappieri. Ix-xoghlijiet saru mis-sena 2000 'l hawn.

In kontro-ezami, Gatt qal li din it-triq kienet inbniet mill-gdid meta Censu Galea kien Ministru tat-Toroq, u dak iz-zmien ghamlitha Transport Malta. Il-kuntrattur kien Penza. Inoltre, qal li saru diversi xoghlijiet ohra fiha minn Transport Malta, inkluz *central strips*, u l-Kunsill qatt ma kien konsultat. Il-Kunsill ircieva diversi lmenti dwar din it-triq, li kien jikkontestahom minhabba li x-xoghlijiet m'ghamilhomx hu.

Dwar it-tappiera mertu ta' din il-kawza, ix-xhud qal li din tilqa' l-ilma tax-xita, u taqa' fir-responsabbilita' tal-Kunsill.

Meta rega' xehed fl-udjenza sussegwenti[18], Paul Gatt ipprezenta kopja ta' ittra[19], li kienet intbaghtet lis-Sindklu tan-Naxxar, u li tidher datata *'9 Friday, 2014'*, iffirmata minn Simon Grima f'isem Transport Malta, li biha informah li bejn id-9 ta' Jannar u nofs Marzu 2014 kien ser ikun hemm *diversion route*, u t-traffiku kien ser jghaddi minn Triq is-Salina, Naxxar, minhabba fix-xoghlijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Kosta. F'dak il-perjodu, Transport Malta kienet ser tkun qed tmexxiha hi din it-triq u tiehu hsieb il-manutenzjoni taghha.

In kontro-ezami, Gatt qal li l-manutenzjoni f'din it-triq dejjem saret minn Transport Malta, u qatt ma saret mill-Kunsill tan-Naxxar. Fir-rigward ta' tappieri, Gatt iddikjara li l-Kunsill huwa responsabbli ghal dawk li ga jezistu, imma mhux ukoll ghal

---

15 Dok. MA7, fol. 55
16 Dok. MA8, fol. 57 sa 58
17 Ara xiehda, 25.10.2017, fol. 69 sa 70
18 Ara xiehda, 5.12.2017, fol. 73 sa 74
19 Dok. NX1, fol. 75

kanali godda li jsiru. F'dan il-kaz, pero' huwa insista li qed nitkellmu fuq gradilja li minnha jinzel l-ilma tax-xita, u mhux tappiera.

Gatt qal li l-Kunsill ma jzommx notament meta effettivament tasal ghandu l-korrispondenza, u lanqas zamm rekord ta' meta Triq is-Salina intuzat bhala *diversion route*.[20]

Il-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport Malta ressqet b'xhud taghha lil **Nicholas Baldacchino**,[21] *manager legal support* fi hdan id-Direttorat tat-Toroq u l-Infrastruttura fi hdanha.

Baldacchino insista li t-triq fejn tinsab il-gradilja li fuqha gara l-incident mertu ta' din il-kawza hija Triq is-Salina, u taqa' fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Huwa pprezenta estratti mil-ligijiet rilevanti biex juri dan[22], flimkien ma' lista tat-toroq arterjali u distributorji li taghhom hija responsabbli l-Awtorita' rapprezentata minnu, li allura ma tinkludix Triq is-Salina[23].

Meta kompla jixhed[24], Baldacchino qal li Simon Grima u min iffirma l-ittra ezibita mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar[25] ma kinux ghadhom impjegati mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, u lanqas ma sab kopja ta' din l-ittra fir-rekords tal-Awtorita'. Huwa spjega li l-avviz li t-traffiku kien ser jghaddi mit-telgha Ta' Alla u Ommu minflok Kennedy Drive kien hareg fit-8 ta' Jannar 2015[26], u allura huwa kkonkluda li l-ittra ezibita mill-Kunsill kellha tkun datata 9 ta' Jannar 2015, li nzerta kien il-Gimgha. Dwar l-isprall in kwistjoni, qal li dan huwa *rain water culvert* u responsabbli ghalih min hu responsabbli ghat-triq.

---

[20] Ara kontro-ezami, 20.2.2018
[21] Ara xiehda, 5.12.2017, fol. 76 sa 77
[22] Dok. NB1, fol. 78 sa 80 u Dok. NB2, fol. 81
[23] Dok. NB3, fol. 82 sa 89
[24] Ara xiehda, 20.2.2018
[25] Dok. NX1, fol. 75
[26] Ara Doki. NB3 sa NB5

Il-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ressqet ukoll b'xhieda taghha lill-perit **Kylie Anne Borg Marks**[27] u lil **Adrian Mifsud**.[28]

Il-Perit Borg Marks, *manager* fi hdan l-Awtorita' konvenuta, xehdet li kienet Project Leader fix-xoghlijiet li saru fi Triq il-Kosta. Qalet li x-xoghol kien maqsum fi tnejn, u kienu qed jaghmluh zewg kuntratturi differenti, filwaqt li s-supervizjoni kien qed imexxiha l-perit Edgar Caruana Montalto. Hija xehdet ukoll li l-ordni biex jibdew ix-xoghlijiet, fiz-zewg kazijiet, harget fit-22 ta' April 2014. Dak iz-zmien l-Awtorita' kienet ghadha qed taghmel it-thejjijiet ghax-xoghol, u l-preparamenti fit-triq innifisha kienu ghadhom ma bdewx. Fit-28 ta' Frar 2014, l-Awtorita' kienet baghtet ittra lill-Kunsilli Lokali milquta biex tispjegalhom il-programm tax-xoghol. Il-progett kellu jibda ghal nofs is-sena 2014. Xoghlijiet fi Triq is-Salina ma sarux bhala parti mix-xoghlijiet f'dak il-progett, pero' din it-triq intuzat fi stadju tardiv tax-xoghlijiet bhala *diversion route*. Ix-xhud eskludiet li dan l-uzu sehh f'Jannar 2014.

Ix-xhud ezibiet diversi dokumenti ufficjali biex tikkorrobora x-xiehda taghha.[29]

In kontroezami, il-perit Borg Marks ma kinetx f'qaghda tghid meta kienet mibghuta l-ittra ffirmata ghal Simon Grima, filwaqt li kkonfermat li Triq is-Salina taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar

Adrian Mifsud xehed li huwa jahdem bhala direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa kkonferma li Triq is-Salina tinsab fiz-zona mhux urbana tan-Naxxar, u skond il-ligi l-Kunsill Lokali tan-Naxxar huwa responsabbli li jzommha fi stat tajjeb. Dan il-Kunsill inghata wkoll fondi ghal dan l-iskop.[30]

Ikkunsidra wkoll li:

[27] Ara xiehda, 20.2.2018
[28] Ara xiehda 20.2.2018
[29] Doki. KABM1 sa KABM6
[30] Dok. AM3

Fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2017, il-konvenuti Kunsill Lokali Naxxar u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, bil-mezz tad-difensuri taghhom, iddikjaraw li ma kinux qed jikkontestaw l-ammont reklamat in linea ta' danni mill-atturi, ghalkemm kienu qed jikkontestaw ir-responsabbilta' taghhom ghall-istess.

Dan it-Tribunal irid ghalhekk jiddeciedi jekk tirrizultax pruvata it-talba attrici f'din il-kawza, u jekk iva, fil-konfront ta' min mill-konvenuti – jekk hux fil-konfront taghhom ilkoll, jew ta' xi hadd jew uhud minnhom biss.

Bid-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kunsill Lokali Naxxar u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li ma jikkontestawx l-ammont li l-atturi jghidu li garrbu f'danni – l-attur Vassallo ghall-hlas tal-*excess* taht il-polza ta' assikurazzjoni, u s-socjeta' assikurattrici ghall-ammont li hallset lill-assikurat taghha taht l-istess polza – huma gew irrikonoxxew u accettaw l-ezistenza tal-grajja li tat lok ghal dawk id-danni. Dan qed jinghad ghaliex, fil-verita', il-verzjoni tal-fatti kemmxejn xotta li ta l-attur Joseph Mary Vassallo dwar meta u kif sehh dan l-incident mhix korroborata, lanqas mill-ufficjali tal-pulizija li lilhom sar ir-rapport, filwaqt li l-unika prova tal-isprall li jinghad li ghamel il-hsara tirrisali mhux ghal dakinhar tal-incident, imma ghall-ghada.

Stabbilit allura, ghall-finijiet ta' dan il-gudizzju, li l-grajja sehhet fil-jum u bil-mod kif pretiz mill-atturi, u li dik il-grajja dahhlet lill-atturi flimkien bejniethom fi spiza komplessiva ta' disa' mija u disgha u hamsin Ewro u tmintax-il centezmu (€959.18), it-Tribunal irid issa jiddeciedi dwar min mill-konvenuti, jekk dan huwa l-kaz, igorr responsabbilta' civili ghall-akkadut.

Jirrizulta pruvat li Triq is-Salina, jew kif maghrufa ahjar maghna l-Maltin 'it-Telgha ta' Alla u Ommu', fejn l-atturi jghidu li sehh dan l-incident, taqa' fil-kompetenza, u r-responsabbilta', tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Pero' l-Kunsill Lokali tan-Naxxar jghid li, fuq din it-triq, kellu kwistjonijiet mal-konvenuta l-ohra Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tul is-snin, ghaliex din ghamlet diversi xoghlijiet fiha minkejja li ma kinetx taqa' fil-kompetenzi taghha, u l-Kunsill ressaq diversi lmenti maghha dwar dawk ix-xoghlijiet.

Din id-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar pero' mhix korroborata, u lanqas tressqet evidenza dokumentali li ssostnieha. Mill-banda 'l ohra, l-ufficjal tal-pulizija li rregistrat ir-rapport li ghamel l-attur Vassallo dwar dan l-incident xehdet car li dan ma kienx l-ewwel rapport ta' hsara li sarilha proprju minhabba f'dan l-isprall tal-ilma tax-xita, u hija stess kienet ikkomunikat mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex jiehu hsieb inehhi l-periklu.

Mill-banda 'l ohra, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tinsisti li din it-triq ma taqax fir-responsabbilta' taghha, u ghalkemm huwa minnu li f'xi zmenijiet hija ghamlet xoghlijiet fiha bi prova, qatt ma assumiet responsabbilta' ghaliha.

Qamet ukoll il-kwistjoni dwar l-uzu ta' din it-triq mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta bhala rotta alternattiva ghal Triq il-Kosta, meta din tal-ahhar kienet ricentement qed tinbena mill-gdid. Ghalkemm il-Kunsill Lokali tan-Naxxar jargumenta li dak l-uzu sehh proprju fiz-zmien meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, mill-kumpless tal-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal jinsab moralment konvint li l-ittra datata *'9th Friday, 2014'* kellha tkun datata l-Gimgha 9 ta' Jannar 2015, u ghalhekk tirreferi ghal sena wara l-okkorrenza mertu ta' din il-kawza. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni wara li qies ix-xiehda tal-perit Borg Marks involuta fit-tmexxija tal-progett ta' Triq il-Kosta, u wkoll wara li kkunsidra li, aktar iva milli le, dan l-izball fid-data kien lapsus li komunement niehdu lkoll fil-bidu ta' sena gdida, meta bla ma nindunaw nindikaw is-sena li tkun ghadha kemm spiccat minflok is-sena l-gdida. Din id-data tikkombacja mal-progress tal-progett ta' Triq il-Kosta kif spjegat mill-perit Borg Marks, u l-provi dokumentali mressqa mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Skartata allura din l-ahhar ipotezi, kien jinkombi fuq il-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar li jipprova li, minkejja li huwa legalment responsabbli ghaz-zamma fi stat tajjeb tat-triq fejn sehh dan l-incident, in-ness kawzali bejnu u l-grajja dannuza hija karenti.

L-**art. 33(1)(a)** tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li wahda mill-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali hija li *'jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata: Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha'.*

Ir-**Regolament 3(1)** tar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq (L.S. 499.57)[31] jipprovdi li *'L-Awtorita' ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq: Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tag]ha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.'*

L-istess Regolamenti jghidu x'ghandu jipprova l-Kunsill Lokali biex jiskolpa ruhu f'azzjoni dwar hsara li tirrizulta min-nuqqas tieghu li jzomm triq fi stat tajjeb. Ir-**Regolament 8(1)(a)** jpoggi fuq il-Kunsill Lokali, f'dan il-kaz, l-oneru li jipprova li ha hsieb li, fic-cirkostanzi kollha kif kien ragonevolment mehtieg jizgura li din il-parti tat-triq ma kinetx ta' periklu ghat-traffiku. Is-subregolament **(2)** tal-istess Regolament jindika lil dan it-Tribunal x'ghandu jqis fl-apprezzament tal-provi li l-Kunsill iressaq biex isostni din id-difiza tieghu.

Wara li qies il-provi kollha mressqa mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tal-prova tad-difiza li tpoggi fuqu l-ligi bir-Regolament imsemmi. Id-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv li l-Kunsill kien ressaq diversi lmenti – minghajr ebda prova skritta – lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, dwar in-nuqqasijiet f'din it-triq li ghaliha kien legalment responsabbli l-istess Kunsill, fuq medda twila ta' snin, hija fiha nnifisha ammissjoni mill-aktar cara mhux biss li l-Kunsill kien jaf tajjeb li f'din it-triq kien qed ihalli periklu ghat-traffiku, imma wkoll

li tul dak iz-zmien kollu baqa' ma ghamel xejn dwar dak il-periklu. Il-pretensjoni tieghu li dak li gharaf li kellu jsir ma kellux jaghmlu hu, imma haddiehor (f'dan il-kaz, skond l-istess Kunsill, il-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta) mhix difiza sufficjenti. Ghalkemm japprezza d-diffikultajiet li l-burokrazija zejda tista' tohloq f'cirkostanzi bhal dawn, it-Tribunal ma jistax jaghti sostenn lill-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar f'din id-difiza mressqa minnu, ghaliex il-ligi ma tiskolpahx f'dawn ic-cirkostanzi. Dan qed jinghad fid-dawl ukoll li l-Kunsill kien jaf li minn din it-triq jghaddi traffiku konsiderevoli, u li allura r-riskju ta' hsarat lill-utenti ta' din it-triq huwa akbar.

Dan ir-ragunament jghodd b'aktar sahha meta wiehed iqis il-kagun tal-hsara f'dan il-kaz. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar certament kien jaf li kien hemm dan l-isprall tal-ilma tax-xita f'din it-triq. Ghamlu min ghamlu, ladarba huwa jgorr ir-responsabbilta' ghaz-zamma fi stat tajjeb ta' din it-triq, il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jara li dawn l-ispralli jkunu marbutin sewwa f'lokhom, biex ma jiccaqilqux, aktar u aktar jekk dan ic-caqliq kien ga sehh u kienet ingibditlu l-attenzjoni tieghu dwaru, kif iddikjarat l-ufficjal tal-pulizija mill-Ghassa tad-distrett.

F'dan il-kuntest shih, ghalkemm iqis il-Kapitolu pprezentat mill-atturi ghas-subizzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kontumaci f'din il-kawza, moqri u mistqarr, it-Tribunal jidhirlu li din il-prova kontra l-Korporazzjoni konvenuta hija kontradetta minn dak fuq spjegat. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar ma ressaq ebda prova li, wara l-ilmenti li rcieva dwar dan l-isprall, talab xi intervent min-naha tal-Korporazzjoni, jew li l-Korporazzjoni kellha xi obbligu li tintervjeni, filwaqt li l-atturi ma ressqu ebda prova dwar xi nuqqas da parti tal-istess Korporazzjoni. Ghahekk, it-Tribunal iqis li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw it-talba taghhom kontra l-istess Korporazzjoni, kif lanqas irnexxielhom jippruvawh kontra l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, u jillibera lilha u lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma mill-osservanza ta' dan il-gudizzju, filwaqt li

---

[31] Maghmula taht l-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta)

jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u jilqa' t-talba attrici kontra l-istess Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar biss, u konsegwentement jikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' disa' mija u disgha u hamsin Ewro u tmintax-il centezmu (€959.18), bl-imghax mit-23 ta' Gunju 2015 sad-data tal-hlas shih effettiv.

L-ispejjez tal-konvenuti Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jithallsu mill-atturi, filwaqt li l-bqija tal-ispejjez ta' din il-kawza jhallsuhom il-konvenuti Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**